(Jaqbad minn paġna 3)

bd'et tixgħel... dehru quddiem għajnejh l-iskrizzjonijiet fuq il-bibien: Balthassar Cagliares, u beda jaħseb f'dak l-Isqof mejjet 300 sena qabel. Għaddielu minn rasu li dawk il-passi kienu tiegħu. Il-qassis ma felaħx aktar bil-biżgħa: qabad il-kappell u l-coat u ħareġ jiġri l-barra. Addio reġistri! Għalaq il-bieb ta' barra warajh, iżjed biex ma joħroġx Cagliares warajh milli biex jobdi l-Isqof li kien qallu biex jagħlaq sewwa.

L-għada, malli wasal il-Kurja, daħal għand l-Isqof u qallu: "Eċċellenza, l-Isqof Cagliares irid li jsirlu xi quddies, għax il-bieraħ u l-bieraħt lura..." U beda jirrakkonta dak li sema' fil-jumejn ta' qabel. L-Isqof infexx jidħak kemm jiflaħ "Għaliex qed tidħak, Eċċellenza?" "Għax dak it-tektik li smajt li nisimgħu minn mndu ġejt noqgħod f'dan il-palazz. Dak huwa t-tektik tal-pendlu tal-arloġġ tal-bitħa". Il-qassis umiljat, bit-tbissima qarsa fuq xofftejh ħareġ 'il barra.

Mill-gwerra 'l hawn Mons. Cagliares ma baqax jippassiġġa aktar fil-Palazz, għax l-arloġġ ma baqax jaħdem.